StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rott

**IT-TIENI SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **IL-ĦIN: Siegħa u Nofs**

**L-Isem: ____________________________** **Il-Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha seba' Taqsimiet (A, B, C, D, E, F u G). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| kunflitti | niddependu | l-iżvilupp | tal-Parlament | tat-tfulija |
| tal-ħbieb | tal-identità | id-dehra fiżika | l-imġiba | dmirijiet |

1. Is-soċjalizzazzjoni primarja sseħħ matul is-snin bikrin ______________________________.
2. Il-*peer pressure* hija l-influwenza ______________________________ tagħna fuqna.
3. Il-karattru u ______________________________ huma parti mill-identità personali.
4. L-egoiżmu jġib ______________________________ fil-grupp.
5. L-obbligi tagħna lejn is-soċjetà jissejħu ______________________________.
6. Kulħadd għandu xogħol differenti għalhekk ______________________________ minn xulxin.
7. Il-liġijiet f'Malta jsiru permezz ______________________________.
8. Il-karta ______________________________ hija mezz biex turi min int.
9. L-iskop tal-Ġnus Magħquda huwa li l-pajjiżi kollha tad-dinja jaħdmu għall-paċi u ______________________________.
10. Kull esperjenza li ngħaddu minnha fil-ħajja se tħalli effett fuq ______________________________ tagħna.

**(marka x 10 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex:**

1. Għandi d-dmir li nirrispetta lil min hu differenti minni. VERU/FALZ

   **Għaliex?**________________________________________

2. Ix-xogħol jagħti identità lill-bniedem. VERU/FALZ

   **Għaliex?**________________________________________

3. Il-*peer group* huwa magħmul mill-ġenituri, l-aħwa u n-nanniet. VERU/FALZ

   **Għaliex?**________________________________________

4. Il-valuri nistgħu nitgħallmuhom mill-mezzi tal-komunikazzjoni, speċjalment mit-televixin u mill-internet. VERU/FALZ

   **Għaliex?**________________________________________

5. L-ambjent soċjali huwa dak li tatna n-natura. VERU/FALZ

   **Għaliex?**________________________________________

**(2 marki x 5 = 10 marki)**

**Taqsima C: Fisser x'tifhem b'dawn il-kelmiet jew frażijiet li ġejjin:**

1. Għajnuna reċiproka

   ________________________________________

   ________________________________________

2. Kunflitt soċjali

   ________________________________________

   ________________________________________

3. Ħlejqa soċjali

   ________________________________________

   ________________________________________

4. Soċjalizzazzjoni

   ________________________________________

   ________________________________________

5. Valuri personali

   ________________________________________

   ________________________________________

**(2 marki x 5 = 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D: Qabbel il-valuri f'Kolonna A mat-tifsira tagħhom f'Kolonna B (2-11) in-numru t-tajjeb fin-nofs. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.**

| KOLONNA A | | KOLONNA B |
|---|---|---|
| Solidarjetà | | 1) Inkunu fil-ħin meta mmorru l-iskola jew għal xi appuntament |
| Etikett | | 2) Li ngħidu l-verità u nagħmlu dak li hu xieraq |
| Puntwalità | **1** | 3) Li nżommu l-post fejn ngħixu mingħajr ħmieġ |
| Parteċipazzjoni | | 4) Li nagħmlu xogħolna sew u kif suppost |
| Indafa | | 5) Li jkollna manjieri tajba kull fejn immorru |
| Inklużjoni | | 6) Li nieħdu sehem f'attivitajiet organizzati mill-komunità ta' madwarna |
| Etika | | 7) Li nagħtu għajnuna u appoġġ mill-aħjar li nistgħu |
| Altruwiżmu | | 8) Taċċetta lil ħaddieħor kif inhu |
| Ħajja | | 9) Li ma nwarrbu lil ħadd u naċċettaw nies differenti minna fil-grupp |
| Onestà | | 10) Li naħsbu f'ħaddieħor u mhux fina biss |
| Tolleranza | | 11) Li ma nagħmlux abort jew ewtanażja u nikkundannaw il-gwerra |

**(marka x 10 = 10 marki)**

**Taqsima E: Kieku kont int f'dawn is-sitwazzjonijiet x'kont tagħmel?**

1. Il-ħabib/a tiegħek sar/et wisq maqtugħ/a għal rasu/ha u m'għadux/hiex j/titkellem mal-ħbieb.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Waqt l-eżami tara lill-ħabib tiegħek jikkopja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Wieħed mill-ħbieb tiegħek qabad ipejjep.

4. Sħabek tal-klassi jixtiequ jipparteċipaw f'attività tal-Kunsill Lokali li jorganizza t-tħawwil ta' siġar biex ipatti għall-vandaliżmu li sar dan l-aħħar fir-raħal.

5. Kont miexja fil-triq u rajt lil grupp ta' tfal isawtu kelb.

**(4 marki x 5 = 20 marka)**

**Taqsima F: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. Spjega x'inhu l-**ambjent fiżiku** u dak **soċjali** u agħti eżempju għal kull wieħed.

2. Għaliex il-kaċċa, l-insib u s-sajd bla rażan jagħmlu ħsara fl-ambjent?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Agħti **ERBA’** eżempji ta’ wirt kulturali.

4. Semmi **ERBA’** problemi ambjentali li għandna f’Malta.

5. X’nistgħu nagħmlu biex innaqqsu l-problemi ambjentali? Semmi **ERBA’** eżempji.

**(4 marki x 5 = 20 marka)**

**Taqsima G: Fuq karta separata ikteb komponiment ta’ madwar 170-200 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1. Is-soċjalizzazzjoni primarja u sekondarja.
2. Liema valuri taħseb li huma l-iżjed importanti? Semmi **ĦAMSA** u spjegahom fid-dettall.
3. Spjega kif il-Ġnus Magħquda tgħin lill-pajjiżi tad-dinja.
4. Il-bniedem jitgħallem bl-iskola biss?

**20 marka**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers